13. Sentenza 41

**Fil-Qorti ta' l-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Spiteri)**

**Vs**

**Brian Cilia**

**Eva Buttigieg**

Lil Brian Cilia, ta' 43 il-sena, iben Carmelo u Alfrida xebba Farrugia, imwielda nhar it-2 ta' Jannar, 1974, residenti 245, La Mirage, Triq F. S. Caruana, Birkirkara u detentur ta' l-karta ta' l-identita' Maltija numru 88574 M

Lil Eva Buttigieg ta' 46 il-sena, bint Coronato Sultana u Ursola xebba Grima, imwielda Rabat Ghawdex nhar it-3 ta' Awwissu, 1971, residenti Gwani, Triq il-Kav. Lorenzo Zammit Haber, Xewkija – Ghawdex, XWK 2270; karta ta' l-identita' numru 18871 G.

Akkuzati flimkien illi f'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' Settembru, 2017 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer:

1. B'diversi atti maghmula minnhom li gew maghmula fi zminijiet differenti pero' li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjalijew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew ffurmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kollhom jippruvaw.
2. B'diversi atti maghmula minnhom li gew maghmula fi zminijiet differenti pero' li jiksru l-istess disposizzjonijiet ta' l-ligi, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Lil Eva Buttigieg ta' 46 il-sena, bint Coronato Sultana u Ursola xebba Grima, imwielda Rabat Ghawdex nhar it-3 ta' Awwissu, 1971, residenti Gwani, Triq il-Kav. Lorenzo Zammit Haber, Xewkija – Ghawdex, XWK 2270; karta ta' l-identita' numru 18871 G.

42

Akkuzata wahedha talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' Settembru, 2017 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer:

3. B'diversi atti maghmula minnha li gew maghmula fi zminijiet differenti pero' li jiksru l-istess disposizzjonijiet ta' l-ligi, ikkommettiet serq semplici ta' 'cheque book' ghad-dannu ta' Sammy Buttigieg u / jew persuni ohra.

IL-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna lil-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu ma' l-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artiklu 533 ta' l-Kap. 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet lill-partijiet.

Rat li l-imputati irregistraw ammissjoni f'dawn il-proceduri fit-23 ta' Novembru, 2018 li giet ikkonfermata minnhom wara li inghataw z-zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom u l-Qorti wissiethom sewwa dwar il-konsegwenzi li tali ammissjoni setghet iggib maghha.

Rat illi ghalhekk il-Qorti ghandha tghaddi minnufih ghas-sentenza

Ikkunsidrat

Wara li rat l-artikoli 183 u 184 u 284 u 285 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta

Wara li semghet il-partijiet jittrattaw il-kaz fejn gie sottolinjat l-kooperazzjoni bi shiha tal-imputati u li l-ammont in kwistjoni gie ritornat *in toto.*

Wara li rat l-conviction sheet taz-zewg imputati.

Fuq ammissjoni issib iz-zewg imsemmija imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tordna li jitqieghdu taht ordni ta' probation ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

***Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.***

13/2/18